32001D0292

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

Tad-29 ta' Marzu 2001

Fejn temenda d-Deċiżjoni 93/52/KE li tieħu nota tal-konformita', minn ċerti Stati Membri, ta' reġjuni mal-kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċellosi *(Brucella melitensis)* u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda

(innotifikat taħt dokument numru K(2001) 952)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/292/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li ikkunsidrat it-Trattat li stabbilixxa l-Komunità' Ewropea,

Wara li ikkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw in-negozju ġewwa l-Komunità ta' nagħaġ u mogħoż ([1]), hekk kif emendata l-aħħar bid-Deċizjoni tal-Kummissjoni 94/953/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Anness A, Kapitolu 1(II) tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 93/52/KE ([2]), hekk kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 97/315/KE ([3]), il-Kummissjoni ireġistrat konformità minn ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kondizzjonijiet dwar il-marda tal-bruċellosi (Brucella melitensis) u tathom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda.

(2) Fl-Awstrija u r-reġjuni Franċiżi ta' Ardeche, Aveyron, Cantal, Correze, Gers, Gironde, Haute-Loire, Lot, Lozere, Morbihan, Puy-de-Dôme u Vosges, il-bruċellosi kienet marda li għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet għal mill-anqas ħames snin; billi l-ebda każ ma ġie ikkonfermat uffiċjalment hemmhekk għal mill-anqas ħames snin u t-tilqim kien ipprojbit hemmhekk għal mill-anqas tliet snin;Għandu għalhekk jiġi ireġistrat illi dawn ir-reġjuni josservaw il-kondizzjonijiet mniżżlin f'L-Anness A, Kapitolu 1(II)(1)(b) tad-Direttiva 91/68/KE.

(3) L-Awstrija u r-reġjuni Ardeche, Aveyron, Cantal, Correze, Gers, Gironde, Haute-Loire, Lot, Lozere, Morbihan, Puy-de-Dôme u Vosges fi Franza għalhekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet sabiex jiġu rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda tal-bruċellosi.

(4) Barra minn hekk L-Awstrija u Franza jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw ma' l-Anness A Kapitlu 1(11)(2) tad-Direttiva 91/68/KE. L-istatus ta' l-Awstrija u r-reġjuni fi Franza ta' Ardeche,Aveyron, Cantal, Correze, - Gers, Gironde, Haute-Loire, Lot, Lozere, Morbihan, Puy-de-Dôme u Vosges għandhom għalhekk jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-marda tal-bruċellosi (Brucella melitensis) u d-Deċiżjoni 93/52/KE għandha għalhekk tiġi emendata.

(5) Nagħaġ u mogħoż introdotti ġo artijiet mikrija għand ħaddieħor fl-Awstrija u fir-reġjuni ta' Franza ta' Ardeche, Aveyron, Cantal, Correze, Gers, Gironde, Haute-Loire, Lot, Lozere, Morbihan, Puy-de-Dôme u Vosges iridu għalhekk jikkonformaw mal-kondizzjonijiet minżżla f'L-Anness A Kapitolu 1(I)(D) tad-Direttiva 91/68/KE.

(6) Il-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-Anness I (Stati Membri) tad-Deċiżjoni 93/52/KE huwa sostitwit b'L-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness II (Reġjuni) tad-Deċiżjoni 93/52/KE huwa sostitwit b'L-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.
([2]) ĠU L 371, tal-31.12.1994, p. 14.
([3]) ĠU L 13, tal-21.1.1993, p. 14.

L-ANNESS I

L-ANNESS I

— L-Awstrija
— Il-Belġju
— Id-Danimarka
— l-Ġermanja
— Il-Finlandja
— L-Irlanda
— Il-Lussemburgu
— L-Olanda
— L-Isvezja
— Ir-Renju Unit

L-ANNESS II

"L-ANNESS II

Fi Franza:

Ain, Aisne, Allier, Ardeche, Ardennes, Aube, Aveyron, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Correze, Cote-d'Or, Cotes-d'Armor, Creuse, Deux-Sevres, Dordogne, Doubs, Essonne, Eure, Eure-et-Loire, Finistere, Gers, Gironde, Hauts-de-Seine, Haute-Loire, Haute-Vienne, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Jura, Loir-et-Cher, Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot-et-Garonne, Lot, Lozere, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Morbihan, Nievre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dome, Rhone, Haute-Saone, Saline-et-Loire, Sarthe, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Vendee, Vienne, Yonne, Yvelines, Ville de Paris, Vosges.

Fi Spanja:

Santa Cruz de Tenerife, Las Palmas."
